



Brussell, 24 ta' April 2024
(OR. en, fr)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0138(COD)

8967/24
ADD 1

CODEC 1118
ECOFIN 453
UEM 94

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Belġju

1. Matul id-diversi stadji tan-negozjati dwar ir-riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika, l-awtoritajiet Belġjani ma setgħux jaslu għal pożizzjoni nazzjonali.
2. Minkejja n-nuqqas ta' pożizzjoni nazzjonali, il-Belġju qeda r-rwol tiegħu b'mod kostruttiv bħala President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
3. Qabel l-adozzjoni finali tal-atti leġiżlattivi, l-awtoritajiet Belġjani reġgħu kkonsultaw lil xulxin. Minn din il-konsultazzjoni jirriżulta li l-Belġju, fin-nuqqas ta' pożizzjoni finali, la ser japprova u lanqas ser jopponi l-adozzjoni tal-pakkett leġiżlattiv.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-Ungerija tieġu nota tal-ftehim bejn il-Presidenza u l-Parlament Ewropew rigward it-test tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (2023/0138 (COD)).

Madankollu, aħna nqisu li r-referenza għall-"Qafas ta' Konverġenza Soċjali" kif stipulat fil-Premessa 8, kif ukoll ir-referenza għal "qafas biex jiġu identifikati r-riskji għall-konverġenza soċjali" kif stipulat fl-Artikolu 3, il-Paragrafu 3(b) mhumix ġustifikati legalment. Jidher evidenti li l-formulazzjoni tat-test ewlieni tirreferi għall-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, li attwalment mhuwix għodda analitika approvata u ma għandu l-ebda sfond legali. Kwalunkwe referenza għalih f'Regolament tippreġudika b'mod mhux xieraq id-deċiżjonijiet futuri tal-Kunsill.
